

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/686 tal-24 ta' Marzu 2023 li ma tagħtix l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "Insecticide Textile Contact" (¹);
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u ksur tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 (²).

- Huwa sostnun li l-konvenuta wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u ksur tal-Artikolu 19(1)(b) kif ukoll tal-paragrafu 8(a) tal-Anness VI tar-Regolament Nru 528/2012 billi naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni fatturi rilevanti, spċċifikament ir-riżultati ta' studju ta' bijodegradabbiltà li kellhom impatt fuq il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali, u valutazzjoni rriveduta tar-riskju ambjentali pprovduta mir-riktorrenti wara l-falliment tal-ewwel kontroll ta' konformità tal-awtoritā kompetenti ta' evalwazzjoni fuq il-valutazzjoni tagħha stess.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur ta' dispożizzjoni legali: il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

- Meta evalwat il-fattibbiltà ta' miżura ta' mitigazzjoni tar-riskju proposta, il-konvenuta naqset milli tagħti lill-prodott tar-riktorrenti l-istess trattament mogħti lil prodotti oħra f'sitwazzjonijiet komparabbi, u għamlet hekk mingħajr mat-tat ebda ġustifikazzjoni ogġgettiva, fatt li jikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq allegat ksur ta' dispożizzjoni legali: il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

- Il-konvenuta kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba billi naqset milli tagħixxi b'mod diliġenti fit-twettiq tal-obbligi tagħha li tgħin lir-riktorrenti, impriżza żgħira u ta' daqs medju, sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mar-rekwiżiți tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 528/2012. Huwa sostnun li l-ksur ta' amministrazzjoni tajba kien ibbażat fuq erba' elementi:

- Ir-riktorrenti ma tħallietx tipproduċi u tressaq data sabiex tifrina l-valutazzjoni tar-riskju ambjentali wara l-falliment tal-ewwel kontroll ta' konformità;
- L-awtoritā kompetenti ta' evalwazzjoni ma ssodisfatx it-talba tar-riktorrenti li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-riżultati tal-istudju ta' bijodegradabbiltà fil-valutazzjoni tar-riskju ambjentali;
- Ir-riktorrenti ma nghaxx opportunità ġenwina li twieġeb għall-bidla fil-valur użat għal frazzjoni ta' lissija fl-evalwazzjoni tas-saħħa tal-bniedem; u
- Ir-riktorrenti ma ngħatatx l-opportunità li tipprovdi studju fuq prodott spċċifiku dwar assorbiment dermali.

(¹) ĠU 2023, L 90, p. 42.

(²) Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 2012, L 167, p. 1, rettifikasi fil-ĠU 2023, L 71, p. 43).

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2023 – Verla-Pharm Arzneimittel vs EUIPO – Converso (Pherla)

(Kawża T-357/23)

(2023/C 296/43)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Verla-Pharm Arzneimittel GmbH & Co. KG (Tutzing, il-Ġermanja) (rappreżentant: M.-C. Seiler, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Valeria Converso (San Giorgio a Cremano, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenjużza: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenjużza kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "Pherla" – Applikazzjoni għal regiestrazzjoni Nru 18 319 785

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Frar 2023 fil-Każ R 268/2022-2

Talbiet

Ir-rirkorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, innotifikata fil-25 ta' April 2023;
- tilqa' l-oppożizzjoni bin-numru B 3 139 093 fl-intier tagħha, u tiċħad l-applikazzjoni kkontestata fir-rigward tal-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassi 5;
- sussidjarjament, tibgħat il-każ lura quddiem il-Bord tal-Appell għal eżami mill-ġdid;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tar-rirkorrenti.

Motivi invokati

- Ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minħabba ksur tal-obbligu tal-konvenut li jimmotiva d-deċiżjonijiet tiegħu, obbligu previst ukoll fl-Artikolu 41(1) u (2)(c) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
- Ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minħabba ksur tad-dritt għal smiġħ tar-rirkorrenti, dritt previst ukoll fl-Artikolu 41(1) u (2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni u għalhekk il-ksur tiegħu.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2023 – AC Marca Brands vs EUIPO – Sanitix (Sanitix)

(Kawża T-358/23)

(2023/C 296/44)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: AC Marca Brands, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: D. Pellisé Urquiza u J. C. Quero Navarro, lawyers)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Sanitix Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenjużza: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell